MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 625/2014

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Fox Daniel**
**ID 70877A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2014 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' Attrici s-somma ta' elfejn erba' mija tmienja u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€2,448.20) in kwantu ghal elf u tmienja u sebghin ewro u erbatax-il centezmu (€1,078.14) in konnessjoni ma' 79556456 (AC40191760), mija u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€190.57) in konnessjoni ma 79399494 (Ac40188942), u elf mija disgha u sebghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€1,179.49) in konnessjoni ma 79656456 (AC40195311).

Illi fejn applikabbli s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bid-drittijiet u l-ispejjez, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 1647/13, u bl-imghaxijiet sa mid-19 ta' Lulju, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2015 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma elfejn erba' mija tmienja u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€2,448.20), bl-imghaxijiet legali, sa mid-data tad-19 ta' Lulju, 2013 data tal-imsemmija ittra ufficjali, sad-data sal-pagament effettiv.

Bid-drittijiet u l-ispejjez, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 1647/13, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------